MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Rikors Numru. 2/2009

**Kawża Numru 1 (Kost.)**
**Rik. Nru. 2/09JRM**

Bernard **GAUĊI** f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' ħuh imsiefer l-Avukat Dottor Gotthard Gauċi; Sylvia Gauċi mart Francis Sciberras, minnu legalment separata; Nutar Dottor Rosella Sciberras għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefra tabiba Dr. Patricia Stewart; Ann armla minn Anthony Tabone u Susan mart Joseph Sullivan, Jane, xebba, u Rebecca mart Riccardo Baldacchino, minnu legalment separata, ilkoll aħwa Tabone; Mary, armla minn Ronald Parker; Norah mart Peter Corcoran; Elizabeth mart Peter Tabone; Edward Tabone; John Tabone; Joseph Tabone; Mary mart Paul Muscat; Anthony Grima; Mary Rose mart Andrew Farruġia; Joseph Grima; Mary Anne mart Gordon Valentino; Josephine mart Joseph Xuereb; Maria Dolores *sive* Doris mart Paul Fenech f'isimha proprju u għan-nom

u in rappreżentanza tal-imsiefra Victoria mart Henry Sturcke; u Joseph Carmel *sive* Charles u John, aħwa Grima

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**; Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi, Ekonomija u Investiment; u l-Avukat Ġenerali, għal kull interess li jista' jkollu

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-12 ta' Jannar, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbu li din il-Qorti (1) tiddikjara li t-teħid ta' l-art tagħhom li tinsab fil-Mellieħa permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur ta' Malta fis-6 ta' Frar tal-1957 u kif imtennija b'Dikjarazzjoni oħra tal-President tar-Repubblika ta' Malta fit-13 ta' Lulju, 2006, u l-użu tal-istess art min-naħa tal-intimati jew ta' min minnhom, jiksru d-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrenti kif imħarsa bl-artikoli 32(a) u 37 tal-Kostituzzjoni (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); (2) tagħti dawk id-direttivi u ordnijiet opportuni sabiex jitħarsu dawk id-drittijiet, inklużi iżda mhux biss li tiġi rilaxxata l-imsemmija art a favur tal-istess rikorrenti, ħielsa minn kull okkupazzjoni; u (3) tordna lill-intimati jew lil min minnhom biex iħallsu lir-rikorrenti kumpens xieraq u ġust għaż-żmien kollu li r-rikorrenti ilhom imċaħħda minn ħwejjiġhom;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fid-29 ta' Jannar, 2009, li biha laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrenti billi qalu, b'mod preliminari, li kemm l-intimat Segretarju Permanenti u kif ukoll l-intimat Avukat Ġenerali jmisshom jinħelsu milli

jibqgħu fil-kawża għaliex ma kien messhom qatt tħarrku mir-rikorrenti għaliex "l-azzjoni għandha titqies bħala li hija diretta b'mod nett" kontra l-intimat l-ieħor il-Kummissarju tal-Artijiet. B'mod preliminari wkoll, laqgħu billi qalu li r-rikorrenti kellhom rimedju ieħor għad-dispożizzjoni tagħhom, minflok il-kawża kostituzzjonali, taħt il-liġi ordinarja (l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ma seħħ l-ebda ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni, u ikkontestaw kemm il-fatti u kif ukoll id-dritt tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Frar, 2009[1], li bih tat direttivi lir-rikorrenti dwar it-tressiq ta' provi li juru t-titolu li huma jgħidu li għandhom fuq l-art in kwestjoni, ordnat lill-intimati biex ifissru aħjar taħt liema mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A iqisu li r-rikorrenti setgħu fittxew ir-rimedju alternativ, u tat żmien lill-artijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fil-5 ta' Marzu, 2009[2];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fis-6 ta' April, 2009[3], bi tweġiba għal dik tal-intimati;

Rat in-Noti mressqin mir-rikorrenti fis-6 ta' April, 2009[4], bil-provi dokumentali u tagħrif ġenealoġiku kif mitlub bl-imsemmi degriet tal-5 ta' Frar, 2009;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti rilevanti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' April, 2009, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar jekk din il-Qorti għandhiex tagħżel li twettaq is-setgħat "kostituzzjonali" u "konvenzjonali" tagħha li tisma' din il-kawża;

---

[1] Paġ. 17 tal-proċess
[2] Paġġ. 19 sa 22 tal-proċess
[3] Paġġ. 24 – 9 tal-proċess
[4] Paġġ. 30 sa 140 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jedd ta' tgawdija paċifika ta' ġid privat, b'riżultat ta' esproprju ta' art tar-rikorrenti li sar għal skop pubbliku u li kellu jsir b'xiri assolut, li ngħata għal użu ta' attivitajiet kummerċjali lil terzi u bla ma għadu sal-lum sar ix-xiri tal-istess art. Ir-rikorrenti jgħidu li d-dikjarazzjoni magħmula taħt l-artikolu 3 tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta ma kellhiex mis-sewwa (għaliex ma kienx minnu li l-art ittieħdet għal skop pubbliku). Huma jridu li jinsab li ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom u li jingħataw l-art lura u jitħallsu kumpens xieraq għaż-żmien kollu li ċċaħħdu milli jużawha;

Illi l-intimati laqgħu, fost l-oħrajn, billi qalu li r-rikorrenti naqsu li jinqdew b'rimedju ieħor taħt il-liġi ordinarja minflok mexxew b'din il-kawża kostituzzjonali. Huma jgħidu li r-rikorrenti setgħu fetħu kawża kontra l-intimat Kummissarju tal-Artijiet skond l-artikoli 469A(1)(b)(iii) jew 469A(1)(b)(iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi jattakkaw id-dikjarazzjoni Presidenzjali bħala li kienet waħda *ultra vires.* Għalhekk iqisu li din il-Qorti għandha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' din il-kawża skond id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata tingħata dwar din l-eċċezzjoni preliminari;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti għall-finijiet ta' l-eċċezzjoni tal-lum, jirriżulta li r-rikorrenti huma lkoll werrieta jew aventi kawża minn Carmelo u Carmela Grima li kienu s-sidien tal-art mertu tal-kawża[5]. Carmelo Grima miet f'Marzu tal-1951. F'Diċembru tal-1952[6], l-armla tiegħu qasmet il-ġid tagħha u ta' żewġha bejn uliedha. Fost il-ġid hekk maqsum u mgħoddi, kien hemm biċċa

[5] Dok "X" (arblu tar-razza) f'paġġ. 54 – 6 tal-proċess
[6] Dok "X2", f'paġġ. 66 sa 111 tal-proċess

raba' magħrufa bħala "*Tar-Ramla*" fil-kontrada tal-Għadira, tal-kejl ta' mija u sbatax-il siegħ u nofs[7]. Fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Frar, 1957[8], dehret dikjarazzjoni (numru 124) magħmula fis-6 ta' Frar ta' dik l-istess sena mill-Gvernatur għall-finijiet tal-artikoli 3 u 8(1) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi[9] dwar firxa art tal-kejl ta' 879 qasba kawdra[10] fil-bajja tal-Mellieħa, liema art kienet ittieħdet għal skop pubbliku u b'xiri assolut. L-art kienet tar-Reverendu Emmanuel Grima u oħrajn, ulied l-imsemmija miżżewġin Grima;

Illi f'Ottubru tal-1988[11], Victoria Gauċi kienet ressqet protest ġudizzjarju kontra l-Kummissarju intimat u talbitu jroddilha lura l-art hekk meħuda u żammitu responsabbli għad-danni li kienet qiegħda ġġarrab minħabba li kienet imċaħħda mill-użu tagħha. L-imsemmi intimat weġibha f'Novembru tal-1988[12] biex iwarrab it-talbiet tagħha. Is-sidien reġgħu ressqu protest ġudizzjarju ieħor f'April tal-1989[13] kontra l-Kummisarju intimat u bl-istess talbiet bħall-protest ta' qablu. Sar protest ġudizzjarju ieħor f'Lulju tal-1992[14] minn uħud oħra mis-sidien, ukoll kontra l-Kummissarju intimat u bl-istess talbiet bħal ta' qabilhom. Għal darb'oħra, l-intimat warrab il-pretensjonijiet tal-protestanti b'ittra uffiċjali li bagħtilhom f'Awissu tal-1992[15];

Illi fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Lulju, 2006[16], dehret Dikjarazzjoni oħra magħmula mill-President tar-Repubblika fit-23 ta' Ġunju, 2006, dwar it-teħid tal-istess art għall-finijiet tal-Att I tal-2006. Kopja ta' dik id-dikjarazzjoni ntbagħtet lir-rikorrenti Doris Fenech;

Illi f'April tal-2008[17], ir-rikorrenti ressqu protest ġudizzjarju ieħor kontra l-intimati (u oħrajn) jallegaw ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom u jitolbu li l-art tintraddilhom lura

---

[7] Li jġibu  qrib 9,450 metri kwadri
[8] Dok "VG1", f'paġ. 32 tal-proċess
[9] Dak iż-żmien il-Kap 136 tal-Liġijiet ta' Malta (illum Kap 88)
[10] Li jġibu qrib 3,860 metri kwadri
[11] Dok "VG2", f'paġġ. 34 – 5 tal-proċess
[12] Dok "VG3", f'paġ. 36 tal-proċess
[13] Dok "VG4", f'paġġ. 38 – 9 tal-proċess
[14] Dok "VG5", f'paġġ. 41 – 2 tal-proċess
[15] Dok "VG6", f'paġ. 43 tal-proċess
[16] Dok "VG7", f'paġġ. 45 – 7 tal-proċess
[17] Dok "VG8", f'paġġ. 49 sa 52 tal-proċess

ħielsa minn kull xkiel u irriżervaw kull azzjoni ta' danni li kien jistħoqqilhom. Il-Kummissarju intimat ressaq kontro-protest f'Mejju[18] u warrab il-pretensjonijiet tagħhom billi seħaq li l-art kienet ittieħdet għal skop pubbliku u kienet qiegħda tintuża mill-pubbliku in ġenerali. Din il-kawża nfetħet f'Jannar tal-2009;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami, għandu jingħad li l-intimati qegħdin jistiednu lill-Qorti biex ma tismax din il-kawża għaliex jgħidu li r-rikorrenti kellhom rimedju ieħor taħt il-liġi ordinarja u ma nqdewx bih. Jgħidu li dak ir-rimedju – azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – kien jista' jagħtihom l-istess għamla ta' rimedju li qegħdin jitlobu f'din l-azzjoni;

Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[19]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l

[18] Dok "VG9", f'paġ. 53 tal-proċess
[19] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfitxxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[20];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[21]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[22];

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[23]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[24];

---

[20] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***

[21] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

[22] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

[23] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[24] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[25]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[26]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-

---

[25] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

[26] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[27];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[28]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u toħloq bilanċ biex, mill-banda l-waħda, twaqqaf lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali, u mil-banda l-oħra żżomm milli jiġi maħluq xkiel bla bżonn lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[29];

Illi meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li m'għandhiex tieqaf milli teżerċita s-setgħat tagħha fiċ-ċirkostanzi li jirriżultaw s'issa. Il-Qorti tqis li l-qofol tal-kwestjoni legali mqanqla f'din il-kawża – jiġifieri, l-kwestjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali dwar it-tgawdija paċifika tal-ġid tal-persuna – ma jistgħu jkunu mistħarrġa quddiem l-ebda Qorti oħra jekk mhux din. Fil-fehma tal-Qorti, uħud mill-aspetti ta' dritt imqanqlin fir-rikors promotur kienu tabilfors jeħtieġu li wieħed idur lejn din il-Qorti għall-istħarriġ u d-definizzjoni tagħhom;

Illi l-intimati jressqu l-argument li d-dikjarazzjoni tal-Gvernatur fl-1957 u dik magħmula mill-President tar-Repubblika fl-2006 huma "egħmil amministrattiv" kif maħsub fl-artikolu 469A, għaliex fil-fatt huwa rifless ta' deċiżjoni tal-Kummissarju intimat li jkun qatagħha li art jew bini privat ikun meħtieġ għal skop pubbliku. Huwa minħabba f'hekk li jgħidu li r-rikorrenti kellhom rimedju ieħor minflok din il-kawża. L-intimati għallanqas jistqarru li r-rimedju suġġerit minnhom ma jfissirx li "biżżejjed jagħti lok għal rimedju", imma jaħsbu li jkun biżżejjed jekk

---

[27] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[28] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***
[29] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***

"wieħed jipproċedi taħt dan l-artikolu" (jiġifieri l-art. 469A), li bis-saħħa tiegħu il-Qorti tista' wkoll, jekk jidhrilha xieraq, tħassar dawk id-dikjarazzjonijiet tat-teħid tal-art minn idejn ir-rikorrenti;

Illi, min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti jwarrbu dan l-argument billi jgħidu li qatt ma setgħu jattakkaw is-siwi tal-imsemmija dikjarazzjonijiet jekk mhux bi proċedura bħal din, u kull darba li ppruvaw jappellaw lill-intimati biex jagħmlu ħaqq magħhom, dawn warrbu kull talba tagħhom. Iżidu jgħidu li r-rimedju llum suġġerit mill-intimati lanqas biss kien jeżisti meta, fl-1957, l-art ittieħdet minn taħt idejhom bid-dikjarazzjoni tal-Gvernatur. Għal dak li seħħ fl-2006, ma kinitx dikjarazzjoni ġdida, imma tiġdida tad-dikjarazzjoni li kienet saret kważi ħamsin sena qabel biex tkun taqbel mal-bidliet li seħħew fil-liġi fl-2006 dwar il-kumpens dovut lir-rikorrenti;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, fid-dawl tal-fatti kollha tal-każ, tal-konsiderazzjonijiet legali magħmula u tas-sottomissjonijiet mismugħa, għandha twarrab it-tieni eċċezzjoni tal-intimati u tibqa' tisma' l-kawża u taqtagħha. Hija ma taqbilx li r-rikorrenti kellhom rimedju xieraq taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Proċedura u lanqas taqbel li d-dikjarazzjoni magħmula mill-President (u mill-predeċessur tiegħu l-Gvernatur) tista' tingħad li hija għamil tal-Gvern. Tqis ukoll li l-istħarriġ li din il-Qorti ntalbet li tagħmel fir-rikors promotur imur lil hinn minn kull stħarriġ li Qorti tista' tagħmel fil-qafas ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-imsemmi artikolu 469A;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-intimati bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u lanqas fil-liġi, u bl-ispejjeż kontra tagħhom; u

**Tordna t-tkomplija tas-smigħ** tal-kawża fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------